MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2010

Numru. 1194/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jesmond Micallef]**

**vs**

**Dylan Rodenas**
**Omissis**

**Kumpilazzjoni Numru 1194/2010**

**Illum 11 ta' Novembru 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra

Dylan Rodenas ta' 30 sena, iben Mario u Francesca xebba Dingli, mwieled Sliema fil-5 ta' Lulju, 1980, u joqghod fil-fond Numru 2, Flat 3, Triq il-Freres Sliema u detentur tal-karta ta' l-identita numru 343080 (M).

Omissis

U akkuzati tnejn flimkien talli:

Nhar id-29 ta’ Ottubru, 21010, matul il-jum u cioe ghall-habta tal-hdax neqsin ghoxrin minuta ta’ filghodu, f’ dawn il-Gzejjer u cioe gewwa Appartament numru 601, White Mansions, Triq Ghar id-Dud, Sliema, ikkommettew serq ta’ diversi oggetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-persuna u kif ukoll bil-valur li jeccedi s-somma ta’ €323.91c izda inqas minn €2329.37c, u li sehh ghad-detriment ta Nicole Campbell, u/jew persuna jew persuni ohra;

**Dylan Rodenas wahdu gie akkuzat ukoll talli**

Nhar id-29 ta’ Ottubru, 2010, ghall-habta ta’ l-erbgha w kwart ta’ wara nofsinhar, waqt li kien jinsab gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta’ Tas-Sliema, harab mill-kustodja tal-persuna jew persuni nkarigati mill-kustodja tieghu;

Akkuzat ukoll talli kiser il-provedimenti ta’ l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’ zewg sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta’ Malta;

U finalment akkuzat ukoll talli sar recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’ diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

**Omississ wahdu gie akkuzat talli**

Xjentement nhar id-29 ta’ Ottubru, 2010, laqa’ ghandu jew gieghel lil haddiehor li jilqa’ ghandu persuna li kontra taghha jkun hemm ordni ta’ arrest ghal reat suggett ghall-piena ta’ prigunerija ghal aktar minn tlett xhur, inkella li l-Pulizija Ezekuttiva tkun fitxet sabiex tarrestah ghal dak ir-reat, jew li tkun harbet wara li kienet giet arrestata ghal dak ir-reat, u cioe lil Dylan Rodenas;

Akkuzat ukoll talli fid-29 t' Ottubru, 2010, f' dawn il-Gzejjer, xjentement, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe' diversi gojjelli mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reati, jew, xjentement, b' kull mod li kien, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

U finalment akkuzat ukoll talli sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, b' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat l-artikoli 49, 50, 151, 261(b)(c)(d)(e), 263, 267, 268, 269 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat Dylan Rodenas ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fatt li l-imputat qed juri x-xewqa li jibda jindirizza l-problema li ghandu b'l-abbuz tad-droga.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 151, 261(b)(c)(d)(e), 263, 267, 268, 269 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-

Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sebgha u ghoxrin (27) xahar prigunerija. Il-Qorti b’applikazzjoni ta’l-artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u biex taghti lill-imputat il-possibilita li jaghmel il-programm ta’ riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga qed taghzel li ma titrattax ma’l-imputat ghar-reati li dwarhom gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor.

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin biex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha necessarja biex ikun jista’ jibda programm ta’ riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------